II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 366/2011

**tal-14 ta' April 2011**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tal-Anness XVII (Akrilammid)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 131 tiegħu,

Billi:

(1) Akrilammid huwa kklassifikat bħala sustanza tal-kategorija karċinoġenika 1B u l-kategorija mutaġenika 1B. Ir-riskji tiegħu ġew evalwati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti [2].

(2) Ir-riżultati tal-valutazzjoni Ewropea tar-riskji kkonkludew li kien hemm ħtieġa li jiġi llimitat ir-riskju lill-kompartiment akkwatiku mill-użu ta' tajn għall-mili tal-fili li għandu bażi ta' akrilammid fl-applikazzjonijiet tal-bini, u r-riskju lil organiżmi oħra mill-espożizzjoni indiretta permezz tal-ilma kkontaminat mill-istess applikazzjoni. Barra minn hekk, tqajjem tħassib għall-ħaddiema u l-bnedmin esposti permezz tal-ambjent minħabba n-natura karċinoġenika u mutaġenika ta' akrilammid u għan-newrotossiċità u t-tossiċità riproduttiva tiegħu bħala konsegwenza tal-espożizzjoni li tirriżulta mill-użu fuq skala żgħira u kbira ta' tajn għall-mili tal-fili li għandu bażi ta' akrilammid.

(3) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2004/394/KE tad-29 ta' April 2004 dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskji u tal-istrateġiji għat-tnaqqis tar-riskji għas-sustanzi: Aċetonitril; Akrilammid; Akrilonitril; Aċidu akriliku; Butadjen; Fluworur tal-idroġenu; Perossidu tal-idroġenu; Aċidu metakriliku; Metakrilat tal-metil; Toluwen; Trikloro-benżin [3], adottata fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 793/93, irrakkomandat li wieħed iqis fuq il-livell tal-Unjoni tar-restrizzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni u l-użu fid-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi [4] għall-użu ta' akrilammid fit-tajn għall-mili tal-fili għall-applikazzjonijiet fuq skala żgħira u kbira.

(4) Il-valur limitu ta' 0,1 % ta' akrilammid huwa inkluż biex ikopri sorsi oħra ta' akrilammid ħieles fil-proċess tal-mili tal-fili pereżempju minn N-metiloakrilammid, kif indikat fir-Rakkomandazzjoni 2004/394/KE.

(5) Sabiex titħares is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, huwa għalhekk meħtieġ li jitrażżan it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' akrilammid fit-tajn għall-mili tal-fili u għall-applikazzjonijiet kollha tal-mili tal-fili.

(6) Skont id-dispożizzjonijiet dwar il-miżuri transitorji fl-Artikolu 137(1)a tar-REACH, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
[2] ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1.
[3] ĠU L 144, 30.4.2004, p. 72.
[4] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandu jiġi emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2011.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fit-Tabella tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, għandha tiżdied l-entrata 60 li ġejja:

| | |
|---|---|
| "60. Akrilammid<br>CAS Nru 79-06-1 | M'għandhux jitqiegħed fis-suq jew jintuża bħala sustanza jew kostitwent ta' taħlitiet f'konċentrazzjoni, daqs jew ogħla minn 0,1 % bħala piż għal applikazzjonijiet tal-mili tal-fili wara l-5 ta' Novembru 2012." |